MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2012

Numru. 184/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**
**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Kersten Camilleri**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Kersten Camilleri ta’ 22 sena, iben Carmelo u Teresa nee’ Agius, imwieled Pieta’ nhar l-1 ta’ Awwissu 1989 u residenti nru 47, Triq it-Tramuntana, Valletta u detentur tal-karta tal-identita’ nru. 353289M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fis-17 ta' Frar 2012, ghall-habta ta' l-4 p.m. kif ukoll iktar kmieni matul l-istess jum, u/jew fil-jiem ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer;

1. Assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f'Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma' kienux delitti taht l-Att dwar l-Istampa;

2. Gewwa z-Zejtun, f'xi hin wara nofsinhar, flimkien ma' persuna/i ohra, kkommetta serq ta' katina ta' kulur isfar minn fuq persuna feminili mhux maghrufa, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma' jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), ghad-dannu ta' l-istess persuna mhux maghrufa;

3. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu, xi skieken jew strumenti li jaqtghu jew bil-ponta, ta' liema xorta tkun, minghajr ma' kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Fis-16 ta' Frar 2012, ghall-habta ta' l-4.30p.m. gewwa l-MCP Car Park Floriana, flimkien ma' persuna ohra,

4. Ikkommetta serq ta' katina tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Marija German, ta' 62 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma' jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' l-istess Marija German;

Fis-16 ta' Frar 2012, ghall-habta tas-1.30p.m. fi Triq Santa Marija, Tarxien, flimkien ma' persuna ohra mhux maghrufa,

5. Ikkommetta serq ta' katina tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Maria Teresa Fabri ta' 74 sena, liema serq huwa aggravat bil-valur li ma' jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' l-istess Maria Teresa Fabri;

Fl-4 ta' Frar 2012, ghall-habta tat-8.50 p.m. gewwa putirjal (hdejn il-Foss ta' San Gakbu) il-limiti tal-Floriana,

6. Ikkommetta serq ta’ katina tad-deheb minn fuq il-persuna ta’ Anna Maria Magro ta’ 64 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, valur li ma’ jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37), u bil-hin, liema serq sar ghad-dannu ta’ l-istess Anna Maria Magro;

Nhar il-11 ta’ Frar, 2012 ghall-habta tas-1 a.m. gewwa Marsascala;

7. Ikkommetta serq ta’ Quickcash card u flus ghad-dannu ta’ Claudine Fenech, liema serq huwa ikkwalifikat bil-lok u bil-hin.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 22 ta’ Frar 2012 (esebit a fol. 18 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-23 ta’ Frar 2012 iddikjara li ma’ kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar it-22 ta’ Frar 2012 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk jrid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma’ ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu kif minnu ammessi.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li huwa accetta li jikkumpensa lill-vittmi u jidrilha li fic-cirkostanzi l-aktar piena idoneja tkun sentenza ta’ prigunerija sospiza fil-massimu bl-applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28G u H tal-Kodici Kriminali fejn ser jigi mpost Ordni ta’ Supervizjoni u fejn ser ikun hemm kundanna ghall-hlas lill-vittmi.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 48A, 261, 262(1)(a)(2), 267, 269(g), 270, 274(d), 276A, 279(a) u 280(1)(2) tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikolu 6 tal-Kap. 480 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b’applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta’ erba’ (4) snin millum. B’applikazzjoni tal-Artikolu 28G tal-Kodici Kriminali l-Qorti tqieghed lill-hati taht Ordni ta’ Supervizjoni skond l-anness digriet.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Maria Teresa Fabri s-somma ta’ sitt mitt Ewro (€600), lil Marija German s-somma ta’ erba’ mitt Ewro (€400) u lil Anna Maria Magro s-somma ta’ hames mitt Ewro (€500).

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat l-import ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------